## P7_TA(2013)0602

# Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (2013/2980(RSP))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013[1] u tat-12 ta' Settembru 2013[2] dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2088 (2013) tal-24 ta' Jannar 2013, 2121 (2013) tal-10 ta' Ottubru 2013 u 2127 (2013) tal-5 ta' Diċembru 2013,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-15 ta' Novembru 2013, kif ukoll ir-rapport tas-Sur Abou Moussa, Rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali u Kap tal-Uffiċċju Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Afrika Ċentrali,,

– wara li kkunsidra l-appell għall-għajnuna, indirizzat lill-komunità internazzjonali, li għamel fin-NU l-Prim Ministru Ċentru-Afrikan Nicolas Tiangaye;

– wara li kkunsidra l-ittra tal-awtoritajiet Ċentru-Afrikani tal-20 ta' Novembru 2013 li fiha talbu li l-MISCA tingħata appoġġ mill-forzi armati Franċiżi,

– wara li kkunsidra r-rapport lill-Kunsill tas-Sigurtà tad-Deputat Segretarju Ġenerali tan-NU, Jan Eliasson, dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-21 ta' Diċembru 2012, tal-1 u l-11 ta' Jannar 2013, tal-25 ta’ Marzu 2013, tal-21 ta’ April 2013, tas-27 ta’ Awwissu 2013 u tal-5 ta' Diċembru 2013 dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kumissarju tal-UE għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili tal-21 ta' Diċembru 2012 dwar il-kunflitt fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u tal-10 ta' Settembru 2013 dwar id-deterjorament tal-kriżi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana;

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Cotonou rivedut,

– wara li kkunsidra t-twaqqif ta' Grupp Internazzjonali ta’ Kuntatt dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana f’Mejju 2013 sabiex jikkoordina l-azzjonijiet reġjonali, mifruxa mal-kontinent u internazzjonali bil-għan li tinsab soluzzjoni dejjiema għall-problemi rikorrenti tal-pajjiż;

– wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Grupp Internazzjonali ta’ Kuntatt tat-3 ta’ Mejju 2013 fi

[1] Testi adottati, P7_TA(2013)0033.
[2] Testi adottati, P7_TA(2013)0389.

Brazzaville (ir-Repubblika tal-Kongo), li vvalidat il-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni u stabiliet Fond Speċjali sabiex tiġi megħjuna r-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni adottata mill-Grupp Internazzjonali ta’ Kuntatt dwar ir-RĊA fit-tielet laqgħa tiegħu li saret f'Bangui fit-8 ta' Novembru 2013,

– wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), li r-RĊA rratifikatu fl-2001,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv dwar l-Involviment tat-Tfal fil-Kunflitti Armati għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li r-RĊA ffirmatu,

– wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tat-13 ta' Novembru 2013 maħruġa mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA,

– wara li kkunsidra l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA, fl-10 ta' Ottubru 2013, ta' kunċett ġdid tal-operazzjonijiet,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA, tat-13 ta' Novembru 2013, li fiha jifraħ bir-rinforz previst ta' kontinġent Franċiż mibgħu biex isaħħaħ l-appoġġ għall-MISCA,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tad-19 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana,

– wara li kkunsodra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Novembru 2013 mill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE f'Addis Ababa (l-Etjopja),

– wara li kunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tal-21 ta' Ottubru 2013dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

***Vjolenzi***

A. billi mindu beda l-ġlied fir-RĊA fi tmiem l-2012, u r-ribelli Séléka ħatfu l-poter mill-ex President François Bozizé f’Marzu ta’ din is-sena, ir-RĊA spiċċat fil-kaos, li rriżulta f’nuqqasijiet serji alimentari u mediċi;

B. billi, wara r-rebħa militari tal-koalizzjoni Séléka fl-24 ta’ Marzu 2013 u l-ħatfa tal-poter tagħha, membri ta’ dik il-koalizzjoni wettqu ħafna atroċitajiet, stupri, reati, atti ta’ vjolenza fiżika u serq, kif ukoll sakkeġġi u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, kemm fil-kapitali kif ukoll fil-provinċji, u ma kienu soġġetti għal ebda kontroll; billi l-użu tas-suldati tfal qed jiżdied bħalma qed tiżdied il-vjolenza sesswali;

C. billi l-abbużi qed jitwettqu wkoll minn gruppi armati oħrajn, li wħud minnhom jiddikjaraw li jappoġġaw lill-ex President Bozizé;

D. billi, mill-5 ta’ Diċembru 2013, mietu 400 ruħ f’Bangui f'perjodu ta' 72 siegħa;

E. billi l-gwerra qed tiġi strumentalizzata fi gwerra tar-reliġjon, kif evidenzjat mis-sitwazzjoni tal-komunitajiet Kristjani, u billi, minkejja l-isforzi konġunti tal-mexxejja

reliġjużi biex jevitaw gwerra interkonfessjonali u minkejja l-koeżistenza paċifika tradizzjonali bejn ir-reliġjonijiet u l-komunitajiet, hemm riskju li jintilef il-kontroll tas-sitwazzjoni jekk ma tiġix indirizzata sew;

F. billi hemm riskju ta’ kontaġju fir-reġjun peress li, jekk ir-RĊA ssir mekka għat-terroristi,it-traffikanti tad-droga, il-ġiħadisti u l-banditi, il-pajjiżi tal-viċinat jiġu affettwati wkoll; billi l-awtoritajiet tal-Kamerun għalqu temporanjament il-fruntiera mar-RĊA wara li r-ribelli Séléka attakkaw il-belt ta' Toktoyo li tinsab fil-fruntiera u qatlu gwardja tal-fruntiera tal-Kamerun;

G. billi dawn il-vjolenzi qed jitwettqu minn gruppi mgħammra b’armi moderni, u b’ċerti armamenti tqal;

H. billi l-kunflitti armati saru dejjem aktar awtofinanzjati, billi l-gruppi ta’ ribelli, in-netwerks tal-kriminalità, il-merċenarji u l-elites predatorji ddependew dejjem aktar minn dħul mir-riżorsi naturali biex jiffinanzjaw attivitajiet militari;

I. billi l-awtoritajiet nazzjonali ta’ tranżizzjoni mhumiex f’pożizzjoni li jikkontrollaw lill-awturi ta' vjolenzi u li jassumu r-responsabbiltà tagħhom li jipproteġu l-popolazzjonijiet;

J. billi l-vjolenzi mwettqa fir-RĊA jiġġustifikaw l-urġenza li tittieħed azzjoni biex jiġu evitati r-riskji ta’ reati tal-massa li jheddu lill-popolazzjoni Ċentru-Afrikana u l-istabbiltà tal-pajjiżi tar-reġjun;

K. billi hemm ir-riskju li s-sitwazzjoni fir-RĊA toħloq ambjent ideali għall-iżvilupp ta’ attivitajiet kriminali transnazzjonali (estratt mir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU);

***Sigurtà***

L. billi, għalkemm 1 300 truppa tal-ECCAS (Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali) ġew skjerati fir-RĊA, ma rnexxilhomx iwaqqfu lill-pajjiż milli jispiċċa f’sitwazzjoni ta' anarkija;

M. billi, permezz tar-riżoluzzjoni 2127(2013) tiegħu adottata unanimament, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU awtorizza żieda fl-azzjoni militari minn truppi Franċiżi u Afrikani sabiex terġa’ tiddaħħal is-sigurtà u jiġu protetti ċ-ċivili fir-RĊA, impona embargo fuq l-armi u talab lin-Nazzjonijiet Uniti tħejji għal missjoni possibbli għaż-żamma tal-paċi;

N. billi fis-26 ta’ Novembru 2013 il-Ġeneral Jean-Marie Michel Mokoko (Kongo) inħatar bħala Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Afrikana fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u bħala kap tal-forza Afrikana li qed tiġi skjerata fil-pajjiż (MISCA);

O. billi l-MISCA tista’ tiġi skjerata għal perjodu ta’ 12-il xahar, bi klawżola ta’ reviżjoni ta’ sitt xhur, bil-missjoni li tipproteġi ċ-ċivili, terġa’ tistabbilixxi l-ordni u s-sigurtà, tistabbilizza l-pajjiż u tiffaċilita l-provvediment ta’ għajnuna umanitarja;

P. billi l-istabbiliment ta’ “Operazzjoni għaż-żamma tal-paċi” tan-NU, mitluba mill-Unjoni Afrikana, u prevista mir-riżolużżjoni 2127 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, jippermetti l-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-operazzjoni;

Q. billi, skont ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, operazzjoni tan-NU trid timmobilizza bejn 6 000 u 9 000 elmu blu biex tkun effikaċi;

***Drittijiet tal-Bniedem***

R. billi n-nuqqas komplet tal-ordni u s-sigurtà pubbliċi fir-RĊA qed jikkawża diżastru umanitarju u qed joħloq ukoll theddid sinifikanti għas-sigurtà reġjonali;

S. billi l-qtil taċ-ċivili, il-ħruq tad-djar u l-qerda tal-infrastruttura bażika ġiegħlu lil nofs miljun ruħ, minn popolazzjoni ta' 4,6 miljuni fil-pajjiż, biex jaħarbu;

T. billi fl-4 ta' Settembru 2013, il-prosekutur tat-Tribunal ta' Bangui talab biex l-24 ex ribelli Séléka, li tressqu quddiem il-qrati fl-ewwel proċess li ttratta l-abbużi mwettqa fir-RĊA, tingħatalhom sentenza ta' 10 snin ħabs;

U. billi ħafna mill-atturi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti tal-gwerra ma ttellgħux il-qorti; billi dan iħeġġeġ klima ta' impunità u jiffavorixxi li jsiru aktar delitti;

***Asprtti umanitarji***

V. billi l-Valutazzjoni tas-Sigurtà tal-Ikel ta' Emerġenza (VSIE) uriet li 484 000 persuna kienu f'riskju ta' nuqqas ta' sigurtà alimentari fil-pajjiż;

W. billi, minħabba n-nuqqas ta' sigurtà u l-livell mhux adegwat ta' ffinanzjar meta mqabbla mal-kobor tal-kriżi, l-organizzazzjonijiet umanitarji qed jaħdmu biss fil-bliet;

X. billi l-instabilità wasslet biex aktar minn 70 % tat-tfal ma jistgħux imorru l-iskola;

Y. billi l-Unjoni Ewropea tkompli tidħol fi djalogu politiku regolari mar-RĊA u tibqa' d-donatur ewlieni tal-pajjiż, peress li żiedet l-għajnuna umanitarja tagħha bi EUR 8 miljun għal EUR 20 miljun; billi din l-għajnuna tal-UE mhijiex biżżejjed u billi sħab internazzjonali oħrajn iridu jieħdu impenji wkoll;

***Żvilupp***

Z. billi l-kumplessità tal-kriżi teħtieġ reazzjoni globali u koerenti, integrata u multidimensjonali, billi intervent militari waħdu ma jistax isolvi l-problemi;

AA. billi huwa importanti li jitwaqqaf approċċ wiesa' u olistiku, li jqis il-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn il-kwistjonijiet tal-governanza tar-riżorsi naturali, tal-paċi, tas-sigurtà u tal-iżvilupp tar-RĊA, bil-għan li tinstab soluzzjoni dejjiema;

AB. billi hemm bżonn ta' għajnuna ekonomika internazzjonali importanti;

AC. billi ttieħdet id-deċiżjoni mill-proċess ta' Kimberley biex ir-RĊA tiġi sospiża;

AD. billi, minkejja s-sitwazzjoni inċerta fir-RĊA, l-UE qatt ma ssospendiet il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiż u tibqa' l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja; billi fil-5 ta' Diċembru 2013, l-UE offriet EUR 50 miljun għall-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ mmexxija minn pajjiżi Afrikani fir-RĊA sabiex jingħata kontribut għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet lokali, kif ukoll biex jinħolqu kundizzjonijiet li jippermettu l-għoti ta' għajnuna umanitarja u r-riforma tas-

settur tas-sigurtà u tad-difiża;

*Vjolenzi*

1. Jikkundanna bis-sħiħ il-ksur serju tad-dritt umanitarju u l-ksur mifrux tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari minn eks-elementi tas-Séléka u gruppi tal-milizja, partikolarment dawk magħrufa bħala "anti-balaka", inklużi l-qtil extraġudizzjarju, l-eżekuzzjonijiet sommarji, l-għajbien infurzat, l-arresti u d-detenzjoni arbitrarji, it-tortura, il-vjolenza sesswali u l-vjolenza sessista u r-reklutaġġ ta' suldati tfal; Jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu dwar id-dinamika ġdida ta' vjolenza u tpattija prevalenti fir-RĊA, li tista' tiddeġenera f'sitwazzjoni inkontrollabbli, u tinvolvi l-iktar krimini serji fid-dritt internazzjonali, bħall-krimini tal-gwerra u l-krimini kontra l-umanità; Jinsab imħasseb ukoll dwar il-possibbiltà ta' effett "spill-over", li jista' jiddestabilizza r-reġjun kollu;

2. Itenni t-tħassib profond tiegħu dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA li hija kkaratterizzata minn nuqqas komplet tal-osservanzzjoni tal-liġi u nuqqas komplet tal-ordni u l-assenza tal-istat ta' dritt u l-vjolenza settarja; jikkundanna l-vjolenza riċenti li kompliet telimina anki l-aktar servizzi bażiċi fil-pajjiż u għarrqet sitwazzjoni umanitarja diġà ħażina li qed taffettwa l-popolazzjoni kollha;

3. Jilqa' b'rabta ma' dan id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU dwar l-embargo fuq l-armi kontra r-RĊA;

*Sigurtà*

4. Jilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni 2127/(2013) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU taħt il-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU, u jitlob biex tiġi implimentata malajr sabiex il-popolazzjoni tar-RĊA ma jkollhiex tgħaddi minn iktar vjolenza u insikurezza;

5. Jilqa' l-iskjerament veloċi ta' truppi militari Franċiżi wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU u l-isforzi tagħhom biex tieqaf il-vjolenza, tiġi protetta l-popolazzjoni ċivili u tiġi diżarmata l-milizja;

6. Irodd ħajr liż-żewġ suldati Franċiżi, li kienu parti mill-forzi Afrikani, li mietu l-ewwel jum tal-missjoni tagħhom ta' protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili tar-RĊA;

7. Jilqa' l-isforzi internazzjonali li qed isiru biex terġa' tinġieb l-ordni, inkluż it-tisħiħ tal-forza tal-paċi MICOPAX tal-ECCAS u r-rikonfigurazzjoni tagħha f'forza ta' żamma tal-paċi tal-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għall-Afrika Ċentrali (MISCA) taħt ir-responsabilità tal-Unjoni Afrikana;

8. Jitlob lill-komunità internazzjonali tagħmel il-kontribuzzjonijiet kollha finanzjarji, ta' truppi u ta' tipi oħra meħtieġa biex tiżdied il-preżenza tas-sigurtà internazzjonali primarjament Afrikana u tiżgura l-implimentazzjoni tal-mandat tagħha; Jilqa' b'rabta ma' dan il-EUR 50 miljun provduti mill-UE b'appoġġ għall-AFISMA-CAR;

9. Jiddispjaċih mid-dewmien tat-twaqqif ta' operazzjoni ta' żamma tal-paċi tan-Nazzjonijiet Uniti u miż-żmien li jeħtieġ il-Kunsill ta' Sigurtà sabiex jagħti mandat skont il-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU;

10. Jikkunsidra neċessarju, barra minn hekk, li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kunflitti, b’mod partikolari permezz ta’ riforma tal-forzi armati u l-forzi ta’ sigurtà, id-dimilitarizzazzjoni, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-eks ġellieda, bi qbil mar-riżoluzzjoni 2121 (2013) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU, ir-ripatrijazzjoni tar-refuġjati, ir-ritorn ta’ persuni spustati internament lejn djarhom u l-implimentazzjoni ta’ programmi ta’ żvilupp vjabbli;

11. Jitlob lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistudja l-possibilità ta' azzjonijiet ta' taħriġ u ta' appoġġ tal-MISCA, hekk kif sar għall-AMISOM, biex tiżdied il-kapaċitàtal-forzi Afrikani li jġestixxu huma nnifishom l-ippjanar u t-tmexxija ta' operazzjonijiet ta' sikurizzazzjoni;

12. Jinnota li l-kriżijiet reċenti fil-Mali u fl-Afrika Ċentrali juru l-bżonn li l-kontinent Afrikan ikollu kapaċità kontinentali adegwata ta' sigurtà; F'dan ir-rigward, jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-appoġġ tagħhom għal twaqqif effettiv tal-Kapaċità Afrikana ta' Reazzjoni Immedjata għall-Kriżijiet, maħluqa f'Ġunju 2013, element żejjed indispensabbli għall-operazzjonalizzazzjoni veloċi tal-Forza Afrikana ta' Intervent fil-Pront (ASF) tal-Unjoni Afrikana, inizjalment prevista għall-2010;

13. Jixtieq li tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali fil-ġlieda kontra l-'Armata ta' Reżistenza tas-Sinjur' (LRA);

***Drittijiet tal-Bniedem***

14. Jenfasizza li mgħandux ikun hemm impunità għal min iwettaq ksur evidenti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġijiet umanitarji internazzjonali; jenfasizza li mgħandux ikun hemm impunità għal min iwettaq ksur evidenti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġijiet umanitarji internazzjonali; jirrimarka f’dan ir-rigward li s-sitwazzjoni fir-RĊA diġà tressqet quddiem il-QKI u li, skont l-istatut tal-Qorti, ma hemmx perjodu ta’ preskrizzjoni għall-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, u jilqa' d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Awwissu 2013 mill-Prosekutur tal-QKI;

15. Jitlob biex jittieħdu miżuri bħala kwistjoni urġenti għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom u tintemm l-impunità għal min iwettaq krimini bħal dawn;

16. Jilqa' b'mod partikolari t-twaqqif mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU ta' kummissjoni ta' inkjesta biex tinvestiga rapporti ta' ksur tal-liġijiet umanitarji internazzjonali u abbużi mid-drittijiet tal-bniedem imwettqa fir-RĊA mill-partijiet kollha sa minn Jannar 2013; Jitlob lill-partijiet kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ mal-kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-awturi ta' dawn l-atti orribbli jinżammu responsabbli;

17. Iħeġġeġ kooperazzjoni sħiħa mal-Kumitat ta' Sanzjonijiet stabbilit bir-riżoluzzjoni 2127 (2013) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU;

18. Jitlob lill-awtoritajiet tar-RĊA biex iwettqu l-obbligi stabbiliti fl-Istatut ta' Ruma tal-QKI, li dan il-pajjiż huwa firmatarju tiegħu;

19. Jitlob li jiżammu l-obbligi nazzjonali u internazzjonali fir-rigward tal-projbizzjoni ta' reklutaġġ u użu tat-tfal fil-forzi armati u fi gruppi armati;

*Settur umanitarju*

20. Jilqa' t-twaqqif ta' aerial bridge umanitarju min-naħa tal-UE, permezz tat-titjiriet tal-ECHO - is-servizz ta' trasport umanitarju bl-ajru - mid-9 ta' Diċembru, biex jiżdiedu l-isforzi internazzjonali bgħall-istabilizzazzjoni tar-RĊA billi jiġi żgurat li l-għajnuna umanitarja tasal lill-iktar persuni li jeħtiġuha; Jilqa' l-isforzi tas-servizz estern u tal-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja li rreaġixxew malajr għas-sitwazzjoni;

21. Jitlob lill-komunità internazzjonali żżomm lir-RĊA fuq nett tal-aġenda tagħha u tappoġġa lil dan il-pajjiż fraġli; Jenfasizza b'rabta ma' dan li l-komunità umanitarja għandha wkoll iżżomm l-impenn tagħha lejn ir-RĊA, minkejja s-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà attwali, u talloka biżżejjed riżorsi biex jingħelbu l-kriżijiet mediċi u umanitarji li għaddej minnhom il-pajjiż; Jinsab imħasseb dwar l-aċċess umanitarju ristrett u jikkundanna l-attakki kontra l-ħaddiema umanitarji; Jitlob lill-partijiet kollha fil-kunflitt, u b'mod partikolari lis-Séléka, biex jippermettu aċċess sigur u mingħajr xkiel lill-organizzazzjonijiet umanitarji u ta' għajnuna;

22. Jilqa l-appoġġ akbar tal-UE fl-indirizzar tal-kriżi umanitarja fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala donaturi prinċipali lill-pajjiż, sabiex isaħħu l-koordinazzjoni tagħhom ma’ donaturi u istituzzjonijiet internazzjonali oħra sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet umanitarji urġenti u tittaffa s-sofferenza tal-persuni mill-Afrika Ċentrali;

*Żvilupp*

23. Jitlob lill-Grupp ta' Kuntatt Internazzjonali dwar ir-RĊA biex jipprovdi lir-RĊA b'appoġġ finanzjarju meħtieġ għall-ħolqien ta' żvilupp ekonomiku vijabbli, jiġu ristawrati amministrazzjoni pubblika li taħdem u servizzi pubbliċi u jiġu stabbiliti istituzzjonijiet demokratiċi li jaħdmu, u li jkunu kapaċi jipproteġu liċ-ċittadini;

24. Jinsisti li soluzzjoni politika komprensiva, inkluża d-distribuzzjoni ekwa ta’ dħul mill-baġit tal-istat hija vitali sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżi u titwettaq it-triq għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun;

25. Jikkundanna l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali tar-RĊA;

26. Iqis li t-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku fis-settur tal-minjieri huma kruċjali għall-ġestjoni effiċjenti tal-mini u biex ikunu pubbliċi l-attivitajiet u d-dħul mill-mini u l-kumpaniji tal-esportazzjoni;

27. Jitlob biex jittieħdu miżuri, Bl-għajnuna tal-komunitàinternazzjonali, biex jiżdiedu l-isforzi biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi politika u biex tinbena sistema ġudizzjarja u infrastruttura amministrattiva, billi tingħata prijorità għolja lir-ristawr ta' servizzi bażiċi fil-qasam tal0ġustizzja, tal-kura tas-saħħa u tal-edukazzjoni; Jitlob biex tittieħed azzjoni għall-iżgurar u l-promozzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni, u bie il-gvern iżid l-isforzi tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar Edukazzjoni għal Kulħadd;

28. Jikkundanna l-qirda tal-patrimonju naturali, partikolarment il-kaċċa illegali (riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU);

***Proċess politiku***

29. Itenni l-appoġġ tiegħu għal sovranità, unità u integrità territoarjali tar-RĊA;

30. Jitlob lill-awtoritajiet tar-RĊA jimplimentaw il-ftehimiet fir-rigward tat-tranżizzjoni politika mingħajr dewmien sabiex ikunu jistgħu jseħħu elezzjonijiet u l-pajjiż jinġieb lura lejn ordni kostituzzjonali sa Frar 2015;

31. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Prim Ministru, Nicolas Tiangaye, li għandu l-appoġġ tal-komunità internazzjonali;

32. Jitlob biex jerġa' jinbena mill-ġdid is-servizz ċivili tar-RĊA sabiex jiġu organizzati elezzjonijiet nazzjonali kredibbli u inkontestati bl-għan li l-pajjiż jimxi iktar fit-triq tad-demokrazija; Jinnota li, minkejja l-isforzi tal-Prim Ministru Tiangaye, l-istrutturi statali u l-kontroll tant marru lura li m'għad fadal kważi xejn minnhom; Iħeġġeġ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fid-dibattiti dwar il-ġejjieni tar-RĊA;

33. Jinsisti li l-awtoritajiet ta' tranżizzjoni jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa f'kull fażi tal-proċess (riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtàan-NU);

34. Jilqa' l-fatt li n-NU ħadet l-impenn li ssegwi mill-qrib il-ġestjoni tat-tranżizzjoni;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/HR Catherine Ashton, lill-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-ECCAS, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u lill-Istati Membri tal-UE, u lill-Kunsill Nazzjonali Transitorju tar-Repubblika Ċentrali Afrikana.